MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 58/2010

**Ludgarda Brincat (286535 (M)),**

**Joseph Brincat (112954 (M)),**

**Carmen Montebello (80056 (M)),**

**John Brincat (526757 (M)),**

**Emanuel Brincat (780359 (M)),**

**Rita Sultana (98261 (M))**

**vs**

**Kummissarju ta' l-Artijiet,**

**l-Awtorita` tad-Djar u**

**l-Avukat Generali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-8 t'Ottubru, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi Aronne Brincat, bhala l-aventi kawza tar-rikorrenti, kien il-proprjetarju tal-fond numru 9/10, Triq il-Wied, l-Imsida, liema fond kien esproprijat mid-Dipartiment ta' l-Artijiet permezz ta' dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata l-24 ta' Mejju, 2002, debitament ippubblikata fil-gazzetta tal-Gvern;

1.2. Illi b'decizjoni datata l-19 ta' Frar, 2009, fil-kawza fl-ismijiet Kummissarju ta' l-Artijiet vs. Aronne Brincat et il-*Land Arbitration Board* iffissa l-valur tal-fond bhala bini fis-somma ta' mija hamsa u sittin elf, tmien mija u wiehed u hamsin Ewro u tmienja u tletin centezmu, (€165,851.38);

1.3. Illi l-att relattiv ta' l-akkwist gie ppublikat fl-1 t'April, 2009, fl-atti tan-Nutar Diana Charles;

1.4. Illi r-rikorrenti, bl-accettazzjoni taghhom tal-valur *de quo* kienu irrikonoxxew l-istess valur;

1.5. Illi pero` jidhrilhom li kienu wkoll intitolati ghall-hlas ta' l-avvjament tan-negozju li kien isir fl-istess fond *stante* li l-fond *de quo* kien gestit bhala hanut;

1.6. Illi r-rikorrenti interpellaw lill-intimati biex jinghataw kumpens xieraq ghat-telf ta' l-istess avvjament, izda l-intimati rrifjutaw;

1.7. Illi m'ghandhomx rimedju biex jottjenu d-dritt ta' kumpens ghat-telf minnhom subit fuq l-imsemmi avvjament;

1.8. Illi tali nuqqas jikkostitwixxi ksur ta' l-artiklu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u ta' l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

1.9. Illi ghaldaqstant, aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara li r-rikorrenti huma intitolati ghal kumpens gust u xieraq ghat-telf ta' l-avvjament kummercjali tal-fond rizultat ta' esproprjazzjoni *de quo*;

1.9.2. Tiddikjara li l-intimati lledew id-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal kumpens xieraq, u dan *ai termini* ta' l-artiklu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u ta' l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

1.9.3. Tiffissa l-kumpens xieraq li r-rikorrenti huma ntitolati ghalih, okkorrendo l-operat ta' periti nominandi;

1.9.4. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

1.9.5. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0 Rat ir-risposta datata z-19 t'Ottubru, 2010, li permezz taghha l-intimati Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali sintetikament esponew is-segwenti:

2.1. Illi preliminarjament, peress li l-art meritu tal-kawza odjerna giet trasferita minghand ir-rikorrenti lill-Gvern permezz tal-kuntratt datat l-1 t'April, 2009, *in atti* tan-Nutar Diana Charles, ir-rikorrenti:

2.1.1. La ghandhom *locus standi*, u

2.1.2. Lanqas ghandhom interess guridiku;

2.2. Illi ghall-istess raguni indikata fil-paragrafu precedenti, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda *stante* li frivoli u vessatorji *ai termini* ta' l-artiklu 46(5) tal-Kostituzzjoni, u dan, *stante* li l-procedura odjerna:

2.2.1. M'hi xejn hlief *"appell"* mid-decizjoni tal-*Land Arbitration Board* datata z-19 ta' Frar, 2009, fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet vs Aronne Brincat et;

2.2.2. Illi kif ripetut diversi drabi fil-gurisprudenza lokali, din il-qorti mhix qorti ta' revizjoni billi mhux il-kompitu taghha tiddeciedi jekk qrati ohra ddecidewx sew jew le, izda, jekk tali decizjonijiet jivvjolawx drittijiet fundamentali;

2.3. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti qed jabbuzaw mill-process kostituzzjonali, u dan billi:

2.3.1. Qed jadottaw procedura straordinarja meta kellhom a disposizzjoni taghhom r-rimedju ordinarju t'appell;

2.3.2. Illi l-istess kuntratt ta' trasferiment *de quo* datat l-1 t'April, 2009, jipprovdi ghal rimedju quddiem ic-Centru ta' l-Arbitragg ta' Malta, (ara foll 7 u 8);

2.3.3. Illi ghalhekk din il-qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapiltlu IV tal-Kostituzzjoni *ai termini* tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* ghall-artiklu 4(2) tal-Kapitlu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, billi jezistu mezzi ordinarji ta' rimedju;

2.4. Illi preliminarjament ukoll, dak kollu mwettaq skont il-Kapitlu 88 tal-Ligijiet ta' Malta huma salvagwardati bl-artiklu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti bl-ebda mod ma tista` titqies li tmur kontra l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2.5. Illi preliminarjament, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur u dan:

2.5.1. *A tenur* ta' l-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.5.2. Illi l-mansjoni guridika tal-Gvern f'kawzi gudizzjarji hi vestita fil-Kap tad-Dipartiment ikkoncernat;

2.5.3. Illi fil-kaz in dizamina, dan hu l-Kummissarju ta' l-Artijiet *stante* li hu responsabbli mill-esproprijazzjoni tal-artijiet;

2.5.4. Illi ghalhekk l-intimat Avukat Generali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2.6. Illi fil-mertu jesponu sintetikament is-segwenti:

2.6.1. Illi l-esproprijazzjoni in dizamina saret:

2.6.1.i. Skont il-ligi;

2.6.1.ii. Ghal skop pubbliku; u

2.6.1.iii. Fl-interess pubbliku;

2.6.2. Illi r-rikorrenti thallsu l-kumpens gust kif rikjest mill-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2.6.3. Illi hu rikonoxxut mill-gurisprudenza lokali u dik tal-Qorti Ewropea kkoncernata, li Stat ghandu s-setgha jesproprija proprjeta` meta din tkun mehtiega f'socjeta` demokratika biex tassigura l-attwazzjoni ta' zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita`, (ara Anthony Pullicino et vs. L-Avukat Generali et a foll 15);

2.6.4. Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hi transatta, *stante* li:

2.6.4.i. Fil-valutazzjoni tieghu, il- *Land Arbitration Board* kien ha in konsiderazzjoni din il-

pretensjoni tar-rikorrenti li l-fond *de quo* kien jintuza bhala *“casabottega”*;

2.6.4.ii. Illi r-rikorrenti m’appellawx minn din id-decizjoni u wara li accettaw il-valutazzjoni ta’ l-istess Bord, dehru fuq il-kuntratt ta’ trasferiment fuq gia` riferit;

2.6.5. Illi r-rikorrenti jridu jgibu prova tat-taxxa mhallsa fuq in-negozju *de quo* mill-fond in dizamina;

2.6.6. Illi l-ewwel artiklu ta’ l-Ewwel Protokol jippresumi li r-rikorrenti jkollhom il-proprjeta` ghandhom izda jirrizulta li permezz ta’ din il-procedura, r-rikorrenti jridu kumpens ulterjuri ghall-proprjeta` gia`minnhom trasferita lill-Gvern;

2.7. Illi in vista tal-premess ma jirrizulta li hemm l-ebda ksur ta’ l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-Ewwel artiklu ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea in kwistjoni;

2.8. Salv eccezzjonijiet ohra;

2.9. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.0. Rat ir-risposta datata wkoll iz-19 t’Ottubru, 2010, li permezz taghha l-Awtorita` tad-Djar irrispondiet sintetikament bil-mod-segwenti:

3.1. Illi *stante* li giet imharrka hazin, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u mhix il-legittimu kontradittur;

3.2. Illi hi mhix l-entita` li teffettwa l-esproprijazzjonijiet;

3.3. Illi in linea preliminari wkoll *stante* li l-art mertu tal-kawza in dizamina giet trasferita mir-rikorrenti favur il-Gvern b’kuntratt ta’ l-1 t’April, 2009, in atti tan-Nutur Diana Charles, ir-rikorrenti:

3.3.1. La ghandhom *locus standi*; u

3.3.2. Lanqas ghandhom interess guridiku;

3.4. Illi r-rikors promotur hu wiehed frivolu u vessatorju *stante* li m’hu xejn hlief appell mid-decizjoni tal-*Land Arbitration Board* fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet vs. Aronne Brincat et datata z-19 ta’ Frar, 2009;

3.5. Illi l-qorti odjerna mhix qorti ta’ revizjoni izda ntiza biex tezamina saritx xi vjolazzjoni ta’ dritt kostituzzjonali;

3.6. Illi r-rikorrenti qed jadottaw procedura straordinarja meta minflok, kellhom a disposizzjoni taghhom ir-rimedju ordinarju ta’ l-appell biex jittutelaw il-pretenzjonijiet taghhom;

3.7. Illi l-istess kuntratt ta’ trasferiment, datat l-1 t’April, 2009, (ara foll 5), ukoll jipprovdi ghal rimedju fil-forma li kull vertenza naxxenti minnhu ghandha tkun indirizzata lic-Centru ta’ l-Arbitragg;

3.8. Illi ghalhekk, din il-qorti ghandha tiddeklina li tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitlu IV tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u dan *ai termini* ta’ l-artiklu 46(2) ta’ l-istess Kostituzzjoni u tal-*proviso* ghall-artiklu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta peress allura li kienu jezistu mezzi ohra ordinarji ta’ rimedju;

3.9. Illi dak imwettaq *ai termini* tal-Kap 88 tal-Ligijiet *de quo* hu salvagwardat bl-artiklu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u allura, ma jistghax imur kontra l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni;

3.10. Illi bhala parti mill-ftehim konsolidat bejn l-Awtorita`intimata u r-rikorrenti fil-5 ta’ Frar, 2010, l-istess

Awtorita` bniet appartament lir-rikorrenti ghal kera annwa ta' mija u sitta u tmenin Ewro, (€186.00), u dan, bl-iskop li l-familja Brincat tivvaka l-proprjeta`;

3.11. Illi l-Awtorita` intimata ssostni li kieku il-partijiet ma kienux qabblu fuq kollox, kieku l-kera indikata fil-paragrafu precedenti kienet tkun ferm akbar;

3.12. Illi l-hanut in dizamina ma kienx jintuza u dan, anke ghaliex l-imsemmi Aronne Brincat kien miet fl-20 ta' Lulju, 2007, u ghalhekk ma setghax jintalab prezz ghall-avvjament ta' hanut li kien maghluq;

3.13. Illi ghalhekk il-valur ta' l-avvjament hu inezistenti;

3.14. Illi jinhtieg ukoll li jigu analizzati l-prospetti tat-taxxa fuq id-dhul ghall-ahhar hames (5) snin – mill-anqas sa mill-1 ta' Jannar, 2004, sa l-1 t'April, 2009;

3.15. Illi l-kumpens moghti lir-rikorrenti mill-Gvern ghall-fond *de quo* kien kumpens xieraq ghaliex ukoll ma' l-imsemmi kumpens ir-rikorrenti inghataw ukoll mill-Gvern kirja b'kundizzjonijiet favorevoli – liema kondizzjonijiet ma kienux jinghataw kieku r-rikorrenti indikaw li kienu qed jippretendu wkoll hlas ghall-avvjament li effettivament hu wkoll fittizju;

3.16. Illi fil-mertu tesponi sintetikament is-segwenti:

3.16.1. Illi l-esproprijazzjoni *de quo* saret skont il-ligi;

3.16.2. Illi l-proprjeta` ttiehdet ghal skop pubbliku u ghalhekk, fl-interess pubbliku;

3.16.3. Illi r-rikorrenti thallsu kumpens gust;

3.17. Illi l-esproprijazzjoni *de quo* hi ghalhekk skont il-principji rikonoxxuti f'socjeta` demokratika intiza biss biex tassigura l-attwazzjoni ta' zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita`, kif ripetutament accettat fil-qrati Maltin, fosthom fis-sentenza gia` citata mill-intimati l-ohra, (ara paragrafu numru tnejn punt sitta punt tlieta, (2.6.3.), aktar qabel u foll 19);

3.18. Illi *di piu`*, il-pretensjoni tar-rikorrenti ghall-hlas in dizamina kienet ittiehdet in konsiderazzjoni mill-Bord ta' l-Arbitragg ta' l-Artijiet meta dan kien ha in konsiderazzjoni l-pretensjoni tar-rikorrenti li l-fond *de quo* kien qed jintuza bhala *"casabottega";*

3.19. Illi l-Bord in dizamina kien ha in konsiderazzjoni l-uzu li kien qed isir mill-fond fil-gurnata tal-valutazzjoni;

3.20. Illi r-rikorrenti ma kienux appellaw mid-decizjoni ta' l-imsemmi Bord, accettaw l-ammont li l-Bord ikkonsolida, u dehru fuq il-kuntratt ta' trasferiment;

3.21. Illi r-rikorrenti qeghdin jippretendu kumpens ulterjuri ghall-proprjeta` li diga` giet trasferita lill-Gvern, u dan, kontra d-dettam ta' l-ewwel artiklu ta' l-ewwel Protokol in dizamina;

3.22. Illi konsegwentement m'hemm l-ebda ksur ta' l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Ewwel Protokol fuq riferit;

3.23. Illi ghalhekk, it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;

3.24. Salv eccezzjonijiet ohra;

4. Rat id-digriet taghha datat l-17 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, it-trattazzjoni tal-kaz issir bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 78);

5. Ezaminat id-dokumenti esebiti nkluzi x-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

6. Semghet ix-xhieda prodotta quddiema;

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-Awtorita` intimata, datata l-24 ta' Mejju, 2013, (ara foll 79), in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimati Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali datata t-23 ta' Lulju, 2013, (ara foll 99), u finalment dik tar-rikorrenti datata l-25 ta' Novembru, 2014, (ara foll 116);

8. Rat il-verbal datat il-25 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet iddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet skritti taghhom;

Ikkunsidrat:

9.0 Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi l-fond in dizamina kien parti minn pjan ta' rigenerazzjoni fl-Imsida, (ara foll 106);

9.2. Illi ghalhekk l-Awtorita` intimata kienet tifforma parti minn grupp li nghata r-responsabbilita` biex jitkellem mas-sidien tal-proprjetajiet involuti bil-ghan li jintlahaq ftehim bejn il-partijiet involuti;

9.3. Illi *nonostante* dan, l-esproprijazzjoni vera u proprja kienet fdata f'idejn d-Dipartiment ta' l-Artijiet li tieghu il-Kummissarju intimat hu il-kap, (ara foll 106);

9.4. Illi fir-rigward tal-fond mertu tal-procedura odjerna jirrizulta sintetikament is-segwenti:

9.4.1. Illi effettivament il-fond *de quo* kien *"casabottega",* (ara foll 106);

9.4.2. Illi rizultat tal-pjan ta’ rigenerazzjoni fuq riferit, l-istess fond kien ser jitwaqqa` u s-sidien kienu ha jinghataw kumpens, (ara foll 106);

9.4.3. Illi minhabba xi divergenzi bejn is-sidien ta’ l-istess fond u d-Dipartiment fuq riferit, il-partijiet spiccaw quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar Artijiet bis-sentenza tinghata fiz-19 ta’ Frar, 2009, (ara foll 52);

9.4.4. Illi fl-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti l-kumpens moghti lis-sidien ghall-esproprijazzjoni *de quo* kien jammonta ghal mija u hamsa u sittin elf, tmin mija u wiehed u hamsin Ewro u tmienja u tletin centezmu, (€165,851.38), (ara foll 55);

9.4.5. Illi sussegwentement ghas-sentenza riferita qabel, (ara paragrafu numru disgha punt erbgha punt tlieta, (9.4.3.), aktar qabel, l-Awtorita` intimata u s-sidien involuti kkonkludew il-vertenza ta’ bejniethom billi kkonsolidaw kuntratt datat l-1 t’April, 2009, *in atti* tan-Nutar Diana Charles, (ara foll 5 u 56);

9.4.6. Illi fl-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti l-partijiet sintetikament intrabtu bis-segwenti kundizzjonijiet:

9.4.6.i. Illi a bazi tas-sentenza tal-Bord fuq indikat is-sidien hawn rikorrenti bieghu l-fond meritu tal-procedura odjerna lill-Gvern ta’ Malta;

9.4.6.ii. Illi l-prezz pattwit ghal din il-kompra vendita hu dak stabbilit mill-istess Bord fis-sentenza pre-citata, (ara paragrafi numru disgha punt

erbgha punt tlieta, (9.4.3.), u disgha punt erbgha punt erbgha, (9.4.4.), aktar qabel);

9.4.6.iii. Illi fl-eventwalita` ta' kwalsiassi kontroversja jew tilwim bejn il-kontraenti involuti li jkunu naxxenti mill-istess kuntratt in dizamina, tali kontroversja jew tilwim ghandhom jigu decizi "... b'Arbitragg ta' Malta kif ikun in forza f'dak iz-zmien", (ara foll 7 u 58);

9.4.6.iv. Illi aktar minn hekk, ir-rikorrenti kienu wkoll gew offruti appartament bin-numru 1, Entratura 183, Triq il-Wied, l-Imsida, li nkera lir-rikorrenti ghall-ammont ta' mija u sitta u tmenin Ewro, (€186.00), fis-sena, (ara foll 107), bil-patt li jivvakaw il-fond mertu tal-procedura odjerna li ghalih kienu wkoll thallsu l-ammont stabbilit mill-Bord fuq indikat;

9.5. Illi "... kieku l-Awtorita` tad-Djar ma kelliex il-bzonn li tivvaka din il-proprjeta`, il-valur tal-kera kien ikun hafna aktar gholi minn dak pattwit", (ara foll 107);

9.6. Illi ghalhekk il-qbil fuq il-kera fuq riferita kienet kondizzjonata minn necessita` li r-rikorrenti jivvakaw il-fond *de quo* biex il-progett governattiv ikun jista` jiddekolla (ara foll 107);

Ikkunsidrat:

10. Illi l-vertenza in dizamina tindirizza diversi kwistjonijiet ta' natura preliminari komuni ghall-intimati kollha li jimmeritaw l-analisi sintetiku segwenti;

11. **Nuqqas t'Interess Guridiku:**

11.1. Illi l-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali sosstnu li m'ghandhomx ikunu huma li jwiegbu ghat-talbiet tar-rikorrenti;

11.2. Illi *di piu`* jirrizulta assodat li r-rikorrenti kienu volontarjament ressqu ghall-kuntratt ta' trasferiment *de quo* u addirittura anke ghall-kirja fuq riferita wara d-decizjoni tal-Bord fuq riferit fir-rigward;

11.3. Illi ghalhekk, fil-mument meta intavolaw il-procedura odjerna l-proprjeta` in dizamina ma kienitx aktar fil-pussess tar-rikorrenti;

11.4. Illi konsegwenza ta' l-istess, l-elementi rikjesti ghall-ezistenza ta' interess guridiku kif rakkolti mill-**Qorti ta' l-Appell** fil-kawza fl-ismijiet **Agatha sive Agathina Formosa Gauci vs. Avukat Dottor Francis Lanfranco et** datata t-**28 ta' Novembru, 2003,** ma gewx debitament sodisfatti mir-rikorrenti *stante* li l-oggett meritu tat-talbiet taghhom m'ghadux aktar fil-pussess taghhom;

12. **Nuqqas ta' *Locus Standi* ta' l-Avukat Generali:**

12.1. Illi fir-rigward jigi sottolineat li is-sitwazzjoni hawn indirizzata hi regolata mill-artiklu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li sintetikament jistabbilixxi s-segwenti:

12.1.1. Illi l-Gvern hu rapprezentat fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni;

12.1.2. Illi tali regola tapplika f'kull tip ta' procedura inoltrata u allura anke f'kawza kostituzzjonali bhal dik in dizamina;

12.2. Illi ghalhekk, fil-kawza odjerna ghandu jkun il-Kap tad-Dipartiment involut li ghandu jwiegeb ghad-domandi tar-rikorrenti u mhux l-Avukat Generali *stante* li f'dan il-kaz ma jirraprezentax lill-Gvern;

12.3. Illi ghalhekk l-intimat Avukat Generali m'ghandux *locus standi* fil-kawza odjerna;

13.0. **Rimedju Ordinarju:**

13.1. Illi kif jirrizulta mill-analisi tal-fatti kif fuq espost, ir-rikorrenti intavolaw din il-procedura partikolari wara d-decizjoni tal-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet taz-19 ta' Frar, 2009, li ghaliha ma intavolaw l-ebda appell;

13.2. Illi *di piu`*, *a tenur* tal-kuntratt minnhom liberament inoltrat fl-1 t'April, 2009, (ara foll 5 u 56), f'kaz ta' kontroversja jew tilwim

bejn il-kontraenti, l-kontraversja jew tilwima kellha tigi indirizzata biss lic-Centru ta’ l-Arbitragg lokali;

13.3. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li fiz-zewg (2) okkazzjonijiet fuq riferiti, r-rikorrenti naqqsu li jaghzlu li jintavolaw ir-rimedju ordinarju statutorjament u kontrattwalment mess ghad-dispozizzjoni taghhom;

13.4. Illi kif tajjeb tirrileva l-abbli rapprezentant legali tal-intimat Avukat Generali meta tikkwota s-sentenza tal-**Prim’ Awla tal-Qorti Civili** datata t-**18 ta’ Mejju, 2006,** fl-ismijiet **Nardu Balzan Imqareb vs. Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja** meta osservat li:

> “Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura taghhom, specjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta’ ridress tipprovdi mod ta’ soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tigi wzata u adottata qabel ma’ l-Gvern, jew l-amminstrazzjoni taghha, jigi akkuzat bi ksur tad-drittijiet fundamentali... Ma jistax jinghad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali tac-cittadin, meta lic-cittadin ikun provdut u hemm disponibbli ghalih rimedji ghall-lanjanzi tieghu”;

13.5 Illi la r-rikorrenti liberament ghazlu li jinjoraw ir-rimedji ordinarji messi ghad-dispozizzjoni taghhom fiz-zmien rilevanti, m’hux lecitu li l-Qorti odjerna tigi minnhom issa involuta fil-vertenza odjerna biex, b’disprezz lic-cittadin onest li debitament ihallas it-taxxi kollha minnu dovuti, tordna rimedju pekunjarju li m’hux ghalhekk dovut;

14.0. **Appell minn Qorti Ohra:**

14.1. Illi l-procedura odjerna hi ekwivalenti ghal tenttattiv da parti tar-rikorrenti li jergghu jiffokaw mill-gdid fuq kontroversja li diga` ghaddiet in gudikat;

14.2. Illi peress li r-rikorrenti naqqsu li jappellaw mis-sentenza tal-Bord *de quo* fuq indikata datata z-19 ta' Frar, 2009, ma jistghux issa, tramite din il-procedura specjali u straordinarja, jergghu jitolbu rikonsiderazzjoni;

14.3. Illi kif tajjeb rrilevat l-abbli rapprezentant legali tal-Kummissarju ta' l-Artijiet u ta' l-Avukat Generali meta irreferit ghas-sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali** fl-ismijiet **Alpine Travel Limited vs. Helen Schembri et** datata l-**25 ta' Mejju, 2008,** li stabbiliet li:

> "M'huwiex kompitu ta' din il-Qorti li toqghod tirrevedi mill-gdid l-interpretazzjoni, l-evalwazzjoni u l-motivazzjonijiet li nghataw mill-Qorti ta' l-Appell ghax din hija Qorti b'parametri specjali. Lanqas ma jintitolha li tuza l-espedjent ta' procedura kostituzzjonali sabiex tintenta tinterponi appell minn decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell – kif fil-fatt qeghda tipprova taghmel";

14.4. Illi ghalhekk tali azzjoni inoltrata mir-rikorrenti m'ghandiex issib l-avall mitlub minnhom;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi fil-mertu, il-kumpens moghti lir-rikorrenti ghall-esproprijazzjoni tal-fond in dizamina jirrizulta li kien dupplici, senjatament:

15.1. L-ammont imhallas lir-rikorrenti mid-Dipartiment ta' l-Artijiet, (ara foll 6, 55 u 57);

15.2. Il-kera t'appartament lir-rikorrenti mill-Awtorita` tad-Djar, datata l-5 ta' Frar, 2010, versu l-prezz irrizorju ta' mija u sitta u tmenin Ewro, (€186.00), (ara foll 107), li r-rikorrenti ma jaghmlu l-ebda accenn fir-rigward;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi rigward il-fond bhala negozju meritu tal-procedura in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi l-hanut *de quo* effettivament ma kienx qed jintuza bhala hanut u dan, *stante*:

16.1.1. Illi is-sid *de quo* li kien jiggestieh miet fl-20 ta' Lulju, 2007;

16.1.2. Illi mill-1 t'April, 2009, ghadda f'idejn id-Dipartiment ta' l-Artijiet;

16.1.3. Illi r-rikorrenti m'humiex fil-pussess tal-istess hanut;

16.1.4. Illi r-rikorrenti gia` gew kompensati profumatament ghall-istess kif fuq indikat, (ara paragrafu numru hmistax, (15.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi effettivament ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-kumpens komplessiv fuq indikat senjatament:

17.1. Dak rigwardanti l-kumpens moghti kif stabbiliet mill-Bord *de quo*; u

17.2. Dak rigwardanti l-kera irrizorja imposta mill-Awtorita` intimata.

hu kumpens li jkopri anke n-negozju u l-avvjament kummercjali mieghu konness;

18. Illi ghalhekk il-preokkupazzjoni tar-rikorrenti hi wkoll sodisfatta;

**DECIDE:**

19.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-intimati pprovaw il-kaz taghhom fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti, u konsegwentement filwaqt li tirrespingi it-talbiet kollha tar-rikorrenti u takkolji r-risposti kollha tal-intimati:

19.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

19.2. Takkolji r-risposti kollha ta’ l-intimati;

19.3. Tiddikjara li ma jirrizulta l-ebda ksur ta’ l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-Ewwel Artiklu ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea;

19.4. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra r-rikorrenti;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------